A.L. 36 ta' l-1996

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Regolamenti ta' l-1996 dwar il-Kors għad-Diploma in School Counselling

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ippromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu u Interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1996 dwar il-Kors għad-*Diploma in School Counselling*.

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra —

"il-Bord" ifisser il-Bord tal-Fakultà ta' l-Edukazzjoni;

"id-Diploma" tfisser id-*Diploma in School Counselling*;

"il-Kors" ifisser il-Kors li jwassal għad-*Diploma in School Counselling*.

Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet mibdija fl-1993 jew wara.

Eliġibilità għad-Diploma

3. Biex ikunu eliġibbli għad-Diploma il-kandidati għandhom:

(a) ikunu reġistrati bħala studenti *part-time* fil-Fakultà ta' l-Edukazzjoni;

(b) ikunu temmew il-programm rilevanti ta' l-istudju;

(ċ) ikunu ssodisfaw il-kriterji rilevanti tal-valutazzjoni; u

(d) ikunu ssodisfaw ir-rekwiżiti l-oħra kollha preskritti f'dawn ir-regolamenti u f'kull statut u regolamenti oħra rilevanti ta' l-Università.

Reġistrazzjoni

4. (1) Il-kandidati jistgħu jirreġistraw bħala studenti *part-time* fil-Fakultà ta' l-Edukazzjoni jekk ikollhom kwalifika tat-tagħlim magħrufa mill-Università u mhux inqas minn ħames snin esperjenza fit-tagħlim wara li ġabu l-kwalifika tat-tagħlim.

(2) Il-kandidati għandhom jippreżentaw bil-miktub stqarrija ta' l-interess u l-għanijiet tagħhom u jagħtu żewġ ismijiet bl-indirizzi ta' nies li jistgħu jkunu *referees* u li jistgħu jikkonfermaw il-potenzjal ta' l-applikant bħala *counsellor*.

(3) Il-kandidati jkollhom jattendu għal intervista.

Il-Kors ta' l-istudju

5. (1) Il-programm tal-Kors għandu jikkonsisti f'taqsimiet studju, li għalihom għandhom jiġu assenjati mhux inqas minn 30 kredtu f'dawn il-komponenti tal-Kors:

(a) It-Teorija u l-Prattika tal-*Counselling*

(b) Il-*Guidance* u s-Servizzi tal-*Guidance*

(ċ) Il-Perspettivi Soċjoloġiċi u Psikoloġiċi

(d) Il-Pjan ta' Stħarriġ Edukattiv.

(2) Il-Kors għandu jkun mifrux fuq sentejn ta' studju *part-time* u mqassam f'żewġ partijiet ugwali ta' sena l-waħda.

Valutazzjoni

6. (1) Il-kandidati għandhom jitqiesu li ssodisfaw il-kriterji tal-valutazzjoni tal-Kors jekk:

(a) itemmu b'suċċess l-Ewwel Parti u t-Tieni Parti tal-Kors; u

(b) jgħaddu mill-Eżamijiet Finali.

(2) Il-kandidati għandhom itemmu b'suċċess l-Ewwel Parti tal-Kors qabel ma jgħaddu għat-Tieni Parti.

(3) F'kull semestru tal-Kors il-kandidati għandhom jiġu valutati fit-taqsimiet studju li jkunu għamlu f'dak is-semestru skond il-kriterji li jistabilixxi l-Bord.

(4) Il-gradi li għandhom jiġu wżati fl-għoti tal-kredti għandhom ikunu dawn: A, B, C, D u F, fejn F tfisser li l-persuna weħlet.

(5) Il-kandidati għandhom jiġu kkonsidrati li temmew l-Ewwel Parti tal-Kors b'suċċess jekk ikunu ġiebu mill-inqas grad medju ta' C fuq kollox fil-kredti u jgħaddu fl-eżami orali fit-tmiem tat-tieni semestru.

(6) Dawk il-kandidati biss li jġibu mill-inqas 25 kredtu b'mhux inqas minn grad medju ta' C fuq kollox u li jkollhom attendenza minima ta' 85% jkunu jistgħu jirreġistraw għall-Eżami Finali.

(7) Kandidati li jeħlu f'xi taqsima studju jistgħu jitħallew jerġgħu jiġu vvalutati. Il-kandidati jistgħu jitħallew jerġgħu jiġu vvalutati darba biss. F'dan il-każ l-ogħla grad li l-kandidati jistgħu jiksbu hu ta' D.

(8) Eżami konprensiv bil-miktub li jikkonsisti f'żewġ karti u f'eżami orali għandu jsir fl-aħħar tal-Kors. Kandidati li jeħlu jistgħu jerġgħu jagħmlu l-eżami darba fi żmien sitt xhur mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat.

Il-gradi finali

7. (1) Il-gradi finali għandhom jiġu bbażati fuq it-taqsimiet studju u fuq l-Eżamijiet Finali.

(2) L-ismijiet tal-kandidati li jgħaddu għad-Diploma għandhom jiġu ppubblikati f'ordni alfabetiku f'dawn il-kategoriji:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda.